European Parliament
2024-2029

TEXTS ADOPTED

P10_TA(2025)0331

Ir-Regolament dwar id-Deforestazzjoni: ċerti obbligi tal-operaturi u tan-negozjanti

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1115 fir-rigward ta’ ċerti obbligi tal-operaturi u tan-negozjanti (COM(2025)0652 – C10-0263/2025 – 2025/0329(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0652),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0263/2025),

 wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

 wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-3 ta’ Diċembru 2025[1],

 wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,

 wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-10 ta’ Diċembru 2025, li japprova l-pożiżżjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

 wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 170 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

---

1 Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt[1];

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

1 Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fis-26 ta' Novembru 2025 (Testi adottati, P10_TA(2025)0295).

P10_TC1-COD(2025)0329

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-17 ta' Diċembru 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1115 fir-rigward ta’ ċerti obbligi tal-operaturi u tan-negozjanti

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2025/2650.)